MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 373/2004

**Vincent Calleja, Direttur u f'isem A. C. Calleja Bros Ltd.**

**vs**

**Alfred Williams ghall-Fajjenza Shop**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Frar, 2004 fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u tlett liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm903.25), hlas ta' merkanzija minnu mibjugha lill-konvenut u kkonsenjata, li ghadu ma hallasx;**
**Illi minkejja l-interpellazzjoni tal-attur, il-konvenut baqa' ma hallasx;**
**Bl-ispejjez u l-imghaxijiet skond il-Ligi.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-5 ta' Marzu, 2004, fejn intqal:**

**i. Preliminarjament, il-konvenut mhuwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi ma sar ebda negozju bejnu u bejn l-attur nominee;**
**ii. Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-Art.2156(f) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**iii. Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur nominee stante illi l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lill-attur nominee;**
**iv. Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Vincent Calleja, Alfred Williams. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Il-kaz jirrigwarda kont pendenti li ghandha tiehu s-socjeta` attrici dwar merkanzija konsenjata f'Fajjenza Shop.**
**2. L-ewwel nett tqajmet eccezzjoni li l-konvenut mhux legittimu kontradittur.**
**3. Minn ezami mid-dokumenti esebiti jirrizulta li d-delivery note kienet issir fuq "tal-faenza" jew tal-"fajjenza" u kienu jigu ffirmati jew mill-konvenut personalment (Dok 15, 17, 19, 27, 39, 43 u 51) jew minn impjegata tieghu Romina Azzopardi (Dok 31,33,37,41,46,48 u 50). L-invoices relattivi kienu kollha johorgu fuq tal-faenza (vide dok 13,14,16,18,20,21,23,25,26,28,30,32,34,36,38,40,42,44,45,47, u 49).**
**4. Jirrizulta li x-xoghol kien jigi ordnat mill-konvenut u konsenjat fil-hanut tieghu. Il-hlas kien isir b'cekk jew cash.**
**5. Alfred Williams jghid li l-hanut kienet toperah Rayiams Ltd, u li hu ishmartarju fl-imsemmija**

**kumpanija. Jikkonferma li l-hanut jismu tal-faenza, dan il-hanut ilu li ghalaq mis-sena 2000.**
**6. Huwa minnu li l-konvenut esebixxa cit li turi il-bejgh mill-hanut kien isir minn Rayiams Ltd. Pero ma hemm ebda prova li turi li huwa qatt ma avvza jew wera lis-socjeta' attrici li hu kien qed joppera f'isem l-imsemmija kumpanija ghalhekk ma hemm l-**
**ebda lok li tigi akkolta l-eccezzjoni li l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur.**
**7. Tqajmet ukoll l-eccezzjoni li l-azzjoni hi preskritta a tenur ta' l-artikolu 2156(f) tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe l-preskrizzjoni bid-dekors ta' hames snin.**
**8. Fir-rigward jirrizulta li l-ahhar ordni sar fil-5 ta' Frar 1999, u l-ahhar fit-23 ta' Jannar 1999. Il-konvenut esebixxa kopja mhux ufficjali ta' ittra ufficjali li allegatament intbaghtet fis-6 ta' Gunju 2000 pero apparti li ma nstabitx l-original ovvjament lanqas ma kienet disponibbli r-riferta biex turi jekk din gietx notifikata. Jirrizulta li l-kawza odjerna giet intavolata fit-13 ta' Frar 2004. Ghalhekk jigi li ma gietx prezentata entro l-hames snin minn meta sar l-ahhar pagament jew l-ahhar ordni. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tigi milqugha**

**Ghaldaqstant it-tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut dwar li l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur, qed jilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata, jiddikjara l-azzjoni preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement jichad it-talba tas-socjeta` attrici bl-ispejjez kontra l-istess.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------